MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 606/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Lorenza Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti esponiet:

L-kawza fl-ismijiet Maltacom plc kontra Lorenza Farrugia (Cit. Nru. 2157/97RCP) giet deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Novembru, 1998, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Maltacom plc s-somma ta' Lm2055.12 (elfejn hamsa u hamsin liri Maltin u tnax-il centezmu), *in* konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 451023 li kien installat fil-fond numru *'St. Rita' Triq Mons. Buhagiar, Rabat (Malta)*, bl-imghax u bl-ispejjez.

Is-socjeta’ Maltacom plc illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta’ rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-*sorte* fuq indikati, *oltre* Lm237.56 (mitejn sebgha u tletin liri Maltin u sitta u hamsin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument *“A”* kif ukoll Lm986.46 (disgha mija sitta u tmenin liri Maltin u sitta u erbghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm3279.14 (tlett elef, mitejn disgha u sebghin liri Maltin u erbatax-il centezmu), *salv* kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimata li naqset li tipprezenta risposta u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-intimata tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------